**9 ta' Diċembru 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici, LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.a., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Carmelo Calleja

*versus*

Peter Borg

**Fides - Bona Fides - Mala Fides - Mandat ta' Qbid**

*Oġġetti maqbuda b'Mandat ta' Qbid ġew ittrasferiti. L-attur talab dikjarazzjoni illi l-konvenut aġixxa in mala fede meta ddispona minn dawn l-oġġetti u kundanna għal ħlas tad-danni. Il-Qorti tal-Kummerċ ċaħdet it-talbiet attriċi.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irrilevat illi l-oneru tal-prova tal-mala fede kien jinkombi fuq l-attur. Minn eżami tal-fatti u tal-prova, ikkonkludiet illi l-male fede ma irriżultax Ġiet ikkonfermata s-sentenza ta' l-ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

B'ċitazzjoni ppreżentata mill-attur appellant fl-ismijiet premessi huwa ppremetta li, bis-saħħa ta' mandat ta' qbid numru 19/78/Kummerċ fl-ismijiet 'Carmelo Callejja -vs- John Saliba' nqabdu oġġetti mingħand l-eżekutat, liema oġġetti kienu fil-ħanut *The Village Market*, St Mary Street, Bugibba. Dawn kellhom jinbigħu bis-subbasta fit-30 ta' Ġunju 1978.

Ippremetta wkoll li l-appellat Borg għamel proċeduri għas-sospensjoni tas-subbasta u revoka tal-mandat ta'qbid, liema talba ġiet miċħuda b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-12 ta' Marzu 1984. Meta l-appellant talab mill-ġdid li jsir il-bejgħ bis-subbasta u gie ffissat il-jum u l-ħin għal dan l-iskop, irriżulta li l-oġġetti oriġinarjament maqbudin ma kenux aktar jeżistu u b'hekk il-bejgħ bl-irkant ma setax isir. L-appellant ippremmetta wkoll li l-aġir ta' l-appellat konvenut Peter Borg mhux biss ikkostitwixxa ksur ta' l-liġi, kif ġie ritenut fid-deċiżjoni tat-12 ta' April 1984, iżda dan sar bi preġudizzju kbir ta' l-appellant li bħala riżultat sofra diversi danni. Għalhekk l-attur appellant talab li

i) jiġi ddikjarat u deċiż illi l-konvenut aġixxa b'mod illegali u a preġudizzju tiegħu meta ddispona jew ħalla lil min jiddisponi mill-oġġetti li kienu maqbudin bil-mandat ta' qbid numru 19/78 u li kienu fil-pussess tiegħu;

ii) Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli għad-danni konsegwenzjali li sofra l-attur, jiġu llikwidati l-istess danni, jekk hemm bżonn b'opera ta' periti nnominati;

iii) Il-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-attur id-danni hekk illikwidati;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Il-konvenut Peter Borg eċċepixxa

i) li t-talbiet attriċi kif impostati fil-konfront tiegħu kienu infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li hu bl-ebda mod ma jaħti għall-fatti allegati mill-attur, u ma jistax jiġi tenut li jwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija ta' ħaddieħor;

ii) Illi, inoltre dan, u bla preġudizzju għall-premess, fil-perjodu ta' ftit ġimgħat meta l-eċċipjenti reġa' sar inkwilin tal-fond wara John Saliba sa ma għadda l-istess inkwilinat lil terza persuna, hu ma mess xejn minn ġo l-imsemmi ħanut, u kwindi, l-oġġetti maqbuda bis-saħħa tal-mandat imsemmi mill-attur, ma ġew bl-ebda mod mittiefsa mill-eċċipjenti;

iii) Illi min mindu l-eċċipjenti għadda l-inkwilinat lil Joseph Mifsud, qatt iżjed ma kellu pussess u/jew aċċess għall-istess ħanut u l-oġġetti ta' ġo fih, filwaqt li s-sentenza tas-16 ta' Ottubru 1981 imsemmija mill-attur, ma ddikjaratx li l-eċċipjenti kien għadda l-inkwilinat '*in male fede*';

iv) illi ladarba l-pussess ta' l-oġġetti maqbuda ġie ddikjarat mill-Qorti li, mid-data tal-ħruġ tal-mandat, kien f'idejn l-istess Qorti, l-eċċipjenti m'għandux iwieġeb għall-għibien ta' l-istess. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Illi b'sentenza mogħtija fit-18 ta' Novembru 1992 mill-Qorti tal-Kummerċ ġew respinti t-talbiet attriċi bħala infondati bl-ispejjeż kontra tiegħu u fil-fehma ta' dik il-Qorti d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Marzu 1984 ċitata mill-attur appellant kienet ċaħdet biss it-talba ta' l-appellat Peter Borg (dak in-nhar attur) imma mkien ma qalet li huwa kien aġixxa *in mala fede* meta akkwista l-oġġetti maqbuda mingħand l-imsemmi John Saliba jew meta willa l-ħanut bl-oġġetti in kwistjoni lil ċertu Joseph Mifsud. Bis-sentenza ċitata, qalet l-ewwel Qorti, ma ġiex deċiż li l-konvenut kien aġixxa dolożament jew kolpożament u għalhekk jinkombi lill-attur (i.e. l-appellant) jipprova d-dolus jew almenu l-culpa biex il-konvenut jitqies responsabbli għad-danni sofferti mill-attur bħala konsegwenza tal-fatt li l-oġġetti maqbudin ma nstabux fil-fond li l-konvenut kien willa lil ċertu

Mifsud u li dan ta' l-aħħar kien ukoll willa lil ħaddieħor meta kienu għaddew ħafna snin wara t-twellija li saret mill-konvenut. It-talba ta' l-attur għas-subbasta saret fit-3 ta' Ġunju 1986 u r-riferta tal-marixxal iġġib id-data tat-25 ta' Ġunju 1986;

L-ewwel sentenza rriteniet ukoll li l-konvenut ma kienx xi konsenjatarju jew gwardjan u ma kellux xi obbligu li jibqa' jindokra l-oġġetti fl-interess ta' l-attur biex meta ssir is-subbasta dawn jinstabu. Illi la l-konvenut ma kienx jaf bil-mandat f'ebda waqt meta akkwista u ttrasferixxa u allura jsegwi li lanqas ma ttrasferixxa validament l-oġġetti maqbuda mill-poter ta' John Saliba, il-konvenut ma jistax jingħad li xjentement kiser xi liġi u b'hekk illeda d-drittijiet ta' l-attur. Billi l-konvenut ma kienx jaf bl-eżistenza tal-mandat fil-mument rilevanti ma jistax jingħad li l-aġir tiegħu jikkostitwixxi att illeċitu li arreka dannu lill-attur, konsegwentement it-talbiet attriċi ma jistgħux jiġu akkolti;

B'nota tal-25 ta' Novembru 1992 l-attur interpona appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tat-18 ta' Novembru 1992, liema nota ġiet segwita bil-petizzjoni ta' l-appell tal-11 ta' Diċembru 1992;

L-aggravju ta' l-appellant suċċintement huma dawn li ġejjin:-

i) Li, bil-maqlub ta' dak li ġie ritenut mill-Qorti tal-Kummerċ, jirriżulta mill-provi li l-konvenut kien in *mala fede* meta ttrasferixxa l-oġġetti kolpiti bil-mandat ta' qbid, u

ii) Illi irrespettivament mix-xjenza tal-konvenut dwar hekk, it-talba attriċi xorta għandha tiġi milqugħa.

L-appellant għamel ukoll riferenza għaż-żewġ kawżi

preċedenti li, oltre l-appellant, kienu jinvolvu wkoll lil John Saliba, diġà inkwilin fil-ħanut *The Village Market*, fejn kienu qegħdin l-oġġetti maqbuda li taw lok għal din il-kawża. Iż-żewġ sentenzi ċitati mill-appellant kienu **Carmelo Calleja-vs-John Saliba** deċiża fis-27 ta' Frar 1987 mill-Qorti tal-Kummerċ u dik fl-ismijiet **Peter Borg-vs-Carmelo Calleja** et deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' April 1984. Imbagħad l-appellant għadda biex elenka l-fatti li taw lok, skond hu, għal din il-vetenza, u dan f'sekwenza kronoloġika. L-appellant issottometta li l-konvenut Peter Borg kien jaf bl-eżistenza tal-mandat meta wella l-ħanut lil ċertu John Mifsud u eżami akkurat tal-proċessi tal-kawża msemmija juri li l-konvenut ma kienx fil-fatt in *buona fede* meta ttrasferixxa l-oġġetti maqbudin lil John Mifsud u dan peress li l-appellat Borg ħa lura l-fond bl-oġġetti msemmija fit-3 ta' Marzu 1978 u wellieh lil Mifsud fl-1979. Fil-frattemp fl-1 ta' Ġunju 1978 huwa ppreżenta ċ-ċitazzjoni għar-revoka tal-mandat in kwistjoni;

Dwar it-tieni aggravju, ta' natura legali, l-appellant issottometta li meta ġiet akkordata t-talba tiegħu għall-ħruġ ta' mandat ta' qbid u mill-mument li dan il-mandat ġie esegwit , jiġifieri mill-10 ta' Jannar 1978, l-istess oġġetti saru inaljenabbli u kwindi kull trasferiment tagħhom hu null u mingħajr effett billi l-pussess tagħhom, ma seta' qatt jiġi akkwistat minn ħaddieħor;

Għalhekk l-appellant talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata tat-18 ta' Novembru, 1992, billi tilqa' l-ewwel talba attriċi u wkoll tiddikjara lill-appellant responsabbli għad-danni li huwa sofra, u f'dan il-każ billi tirritorna għalhekk l-atti lill-Qorti ta' l-ewwel istanza għal-likwidazzjoni ta' l-istess danni;

L-appellat wieġeb li s-sentenza appellata kienet ġusta u jisħoqqilha konferma;

Skond l-appellant ċerti dati fis-sekwenza tal-fatti kif relatati mill-appellant hija skorretta b'ċerti dati għal kollox fittizji. It-twellija tal-ħanut mill-appellant lil Joseph (u mhux John) Mifsud seħħet erba' (4) ġimgħat wara li huwa akkwista lura l-ħanut mingħand Saliba, jiġifieri fil-bidu tas-sena 1979 u mhux fis-sena 1978. Ix-xhieda ta' Joseph Mifsud ġiet skartata meta dan jgħid li meta huwa wella l-ħanut bl-attrezzi fih lil ċertu Gaetano Falzon. Dan Falzon, isostni l-appellat li kien hu li bidel uħud mill-attrezzi l-qodma ta' ġewwa l-ħanut m'oħrajn ġodda u li meta reġgħet ġiet appuntata s-subbasta fil-1986, il-ħanut kien fil-pussess ta' l-imsemmi Falzon, u l-appellant kien ilu li telaq mill-pussess ta' l-istess ħanut għal ċirka tmien snin. Li fl-ebda waħda mis-sentenzi ċitati ma jingħad li l-appellant aġixxa in *mala fede* b'detriment għal terzi. L-appellant naqas li jipprova tali *mala fede* kif kien il-kompitu tiegħu;

Dwar it-tieni aggravju jekk il-pussess ta' l-oġġetti tassew għadda (wara l-ħruġ tal-mandat) taħt l-awtorita' tal-Qorti, allura jsegwi li la meta l-appellant ħa lura l-ħanut mingħand Saliba, u lanqas meta wellieh lil Mifsud ma jista' jingħad li kien iddispona mill-oġġetti li kienu jifformaw il-mertu tal-mandat *de quo*. F'dan is-sens ukoll is-sentenza appellata ddeċidiet dan il-punt legali;

Il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawża u semgħat it-trattazzjoni ta' l-appell mid-difensuri tal-kontendenti;

Jiġi rrilevat li ġaladarba huwa l-appellant li qiegħed jallega li l-oġġetti kolpiti bil-mandat ta' qbid ġew ittrasferiti mill-appellat *in male fede* billi kien edotti minn kif kienu l-fatti, allura jinkombi fuqu li jforni tali prova. Dana qiegħed jingħad ukoll għar-raġuni li ebda waħda mid-deċiżjonijiet imsemmija minnu u wisq anqas dik appellata ma rritenew li l-aġir ta' l-appellant kien

*in mala fede*. L-appellant, fil-petizzjoni tiegħu, isemmi l-fatti segwenti in sostenn tat-teżi tiegħu kontra l-appellat;

(a) 1977: Peter Borg kera ħanut *de quo* lil John Saliba.

(b) 22.12.1277: L-appellant jislef Lm1000 lil John Saliba.

(ċ) 10.01.1978 L-appellant jottjeni mandat ta' qbid kontra Saliba fuq oġġetti li jinsabu fil-ħanut.

(d) 27.02.1978: L-appellant jiġi kkanonizżat kreditur ta' Saliba (Ċitaz.70/78).

(e) 03.03.1978: Saliba jirritorna l-ħanut lill-konvenut.

(f) 23.05.1978: Is-subbasta ta' l-oġġetti tiġi ffissata għat-30.06.1978.

(g) 01.06.1978: Peter Borg jagħmel kawża għar-revoka tal-mandat u jieħu deċiżjoni kontrih (appell deċiż 12.03.1984).

(h) 1979: L-appellat Borg jittrasferixxi l-ħanut lil Joseph Mifsud.

(i) 06.06.1986: Is-subbasta terġa' tiġi appuntata pero' jirriżulta li l-oġġetti *de quo* kienu tneħħew mill-ħanut.

L-appellant isostni li mit-tliet kawżi imsemmija minnu l-konvenut appellat ma kienx *in buona fede*. Issa oltre li m'hemm

xejn espressament deċiż dwar il-*mala fede* fis-sentenzi msemmija, il-Qorti rriskontrat ukoll ċerti partijiet fid-deposizzjonijiet mogħtijin mill-appellant f'din il-kawża li ma tantx jiċċaraw ħafna din il-posizzjoni ta' dubbju dwar l-operat ta' l-appellat;

Jgħid l-appellant in kontro-eżami (fol. 52, fl-ewwel żewġ paragrafi,

'meta mort darba l-ħanut u sibt lil Mifsud rajt li l-ħanut kien mimli bl-istock, **pero' ma nafx jekk kienx dak li kelli fil-lista tal-oġġetti maqbudin.** Naqbel li lil Peter Borg **qatt ma nnotifikajtu b'dawn il-mandati kollha li għamilt........**;

'Jiena ma nafx meta Mifsud ħa l-post mingħand Borg.
(fol 52(a) (ġja'46):

'Għandi ngħid li sa ma saru l-proċeduri għat-tieni subbasta, l-inkwilin tal-ħanut kien inbidel darbtejn u lil Peter Borg qatt ma rajtu fil-ħanut;'

Fil-petizzjoni ta' l-appell (fol. 120) l-appellant jargumenta li l-appellat kien ***in mala fede*** billi 'ħa lura l-fond bl-oġġetti msemmija fit-3 ta' Marzu 1978 (Dok C) u wellieh lil Mifsud fl-1979 (fol. 92). Fil-frattemp fl-1 ta' Ġunju 1978 ippreżenta ċ-ċitazzjoni għar-revoka tal-mandat in kwistjoni'. Hawn jibda biex jiġi osservat li proprjament il-ħanut ġie mwelli lil Joseph u mhux lil John Mifsud. Illi sfortunatament is-sena, (ara fol. 92), kif dattilografata mhux għal kollox leġibbli billi tidher li saret korrezzjoni b'mod divers minn dak li titlob il-liġi. Flok mal-kelma, jew aħjar iċ-ċifra ġiet ikkanċellata ġew dattilografati żewġ

numri fuq tnejn żbaljati. Pero' jidher li **x'aktarx** s-sena 1977 (manifestament skorretta) ġiet korretta għal 1979. Għalkemm Joseph Mifsud seta' semma' s-sena 1979 u huwa ttella' b'xhud mill-appellat, l-istess appellat xehed (ara depożizzjoni tas-7 ta' Novembru 1990 (fol. 68 et seq) li lil Mifsud kien wellielu l-ħanut **xi tliet ġimgħat wara** l-arranġament li huwa għamel ma' l-inkwilin preċedenti, John Saliba, u ċjoe' fil-bidu tas-sena 1978. Fil-fatt jirriżulta li l-iskrittura ma' John Saliba saret fit-3 ta' Marzu 1978 (fol. 127/128). Xehed ukoll l-avukat Dottor Philip Galea LL.D. li kien dak iż-żmien il-konsulent legali ta' l-appellat u qal **inter alia** (ara fol. 97 - depożizzjoni tat-12 ta' Ġunju 1992) li t-trasferiment li għamel Peter Borg wara r-rexissjoni li saret ma' Saliba, **sar xi xahar jew xahar u nofs wara**. Iċ-ċitazzjoni għar-revoka tas-subbasta saret fuq inizjattiva ta' l-Avukat Galea meta kien jaqra il-Gazzetta tal-Gvern fejn deher avviż ta' subbasta li kien isemmi oġġetti li kienu proprjeta' ta' l-appellat. L-appellat, skond l-Avukat Galea (fol. 98), lanqas kien jaf bis-subbasta. Huwa kien ċert li la ħa u lanqas l-appellant ma kienu edotti li l-appellat kien kreditur ta' Saliba (fol. 99);

Illi minbarra dan, fix-xhieda tiegħu, Joseph Mifsud (fol. 92-3) jgħid li fil-ħanut sab fiha miżien, *fridge-freezer, slicer* kif wkoll *stock* li skond hu kien jiswa sitt mitt lira Maltija (Lm600) ċirka. Mifsud, jgħid, li bidel dawn l-attrezzi m'oħrajn moderni u sakemm huwa ġie biex iwelli lil ħaddieħor, u ċjoe' lil Gaetano Falzon, huwa qatt ma kien irċieva xi att ġudizzjarju, pero' kien ġie avviċinat minn 'xi negozjant' li għarrfu bis-subbasta kontra John Saliba;

Hija l-fehma ta' din il-Qorti, kif kienet ukoll dik ta' l-ewwel Qorti, li fl-operat ta' l-appellat Peter Borg ma jirriżultax in-nuqqas ta' *buona fede* kif issottometta l-appellant. Il-provi

prodotti ma jwasslux suffiċjentement għal tali konklużjoni, anzi pjuttost juru bil-maqlub;

Illi dwar it-tieni aggravju, jekk kemm-il darba, kif jidher, illi ebda trasferiment ma seta' jsir mill-oġġetti de quo għax kienu fil-pussess u taħt l-awtorita' tal-Qorti, allura tassew isegwi, kif issottometta l-appellat fir-risposta tiegħu - għall-petizzjoni ta' l-appell, illi la meta huwa (ie. l-appellat Borg) ħa lura l-ħanut mingħand John Saliba, u lanqas meta willieh lil Joseph Saliba, u lanqas meta willieh lil Joseph Mifsud ma jista' jingħad li kien iddispona mill-oġġetti hekk maqbudin. F'dan is-sens għalhekk dan l-aggravju mhuwiex iġġustifikat;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tiċħad l-appell magħmul mill-attur appellant bl-ispejjeż ġudizzjarji kontra tiegħu u tikkonferma għalhekk id-deċiżjoni appellata mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fit-18 ta' Novembru 1992.